**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 04/19**
**Data:** L-Erbgħa, 13 ta' Marzu 2019
**Ħin:** 6:45 PM
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku (Mit-8:15pm)
Amanda Abela - Kunsilliera
Claude Camilleri - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Joan Agius - Kunsilliera
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier

**Skużat** Joseph Hales - Kunsillier

Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **04.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **04.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;** |
| **04.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **04.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;** |
| **04.05** | ***Items oħra* ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **04.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **04.07** | **Installazjoni Artistika** |
| **04.08** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;** |
| **04.09** | **Mozzjonijiet u;** |
| **04.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**04. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Hales | Is-segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Hales ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba raġunijiet familjari. | |

**04. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 1 | | Proponent: Camilleri C<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 01/19, 03/19 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 04. 2. 2 | 01.12.02 | Agius: Żejt iż-Żejtun | Għandha taqra: Dwar din il-mozzjoni sar qbil li l-għaqdiet għandhom jagħtu l-opinjonijiet f'seduta *post mortem* fejn ikun hemm preżenti s-Segretarju Eżekuttiv u biex isir dan għandha tintbagħat ittra lill-għaqdiet. | |
| 04. 2. 3 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04 2 5 | 01.02.09 | Caruana: Sinjali fi Triq Antonio Micallef | Caruana irringrazzja għax-xogħol li sar. | Caruana |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 2 | 6 | 01.03.02 | Agius: Plakka Storja | Agius staqsiet għalfejn ma twaħħlitx plakka bl-informazzjoni quddiem il-binja tal-każin tal-Partit Laburista. Chircop spjega li dawn twaħħlu quddiem binjiet bi storja u hemm xi wħud inqalgħu biex jiġi rranġat il-*printing* . | Chircop |
| 04 | 2 | 7 | 01.03.03 | Chircop: Karattri tal-Qwiel | Chircop staqsajekk dawn waslux. Dawn qegħdin fi Gnien l-Għannejja Żwieten sakemm issir il-manutenzjoni meħtieġa fuqhom. | Sindku |
| 04 | 2 | 8 | 01.07.06 | Agius: Vjal 25 ta' Novembru | Agius staqsiet dwar fiex wasal ix-xogħol. Is-Sindku qalet li ser tagħti rendikont dwar dan. | Sindku |
| 04 | 2 | 9 | 01.07.07 | Camilleri C: Parkeġġ tas-suq | Camilleri staqsa jekk sarx xi xogħol. Is-Sindku qalet li s'issa għadu ma sar xejn dwar dan. | Sindku |
| 04 | 2 | 10 | 01.10.03 | Agius: *Exchange* ma' Kunsilli Lokali | Agius qalet li d-data ta' din l-attivita' ser titħabbar iktar tard. | Agius |
| 04 | 2 | 11 | 01.10.04 | Agius: Ħarġa għal Muża | Agius qalet li din l-attivita' saret u kienet suċċess. | Agius |
| 04 | 2 | 12 | 01.10.05 | Agius: *Weekend Break* | Agius qalet li din l-attivita' saret u kienet suċċess. | Agius |
| 04 | 2 | 13 | 01.10.08 | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop qal li daħlu 42 sottomissjoni u bħalissa qed jiġu validati. Ma kien hemm l-ebda sottomissjoni fil-kategorija tat-tfal. | Chircop |
| 04 | 2 | 14 | 01.10.09 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li ser isir fid-19 ta' Marzu fis-7:30pm fis-Sala Parrokjali. Ser ikun hemm Corazon u l-band u Neville Refalo. | Chircop |
| 04 | 2 | 15 | 01.10.10 | Chircop: Sett ta' bolol | Chircop qal li nħareġ ir-raba' sett u l-aħħar sett ser jiġi ppublikat fis-6 ta' Mejju. | Chircop |
| 04 | 2 | 16 | 01.10.11 | Chircop: Tnedija tat-*tours* għat-turisti | Chircop qal li saret laqgħa mal-Għaqdiet fejn attendew l-Għaqda Banda Żejtun u l-Għaqda Mużikali Beland fejn laqgħu din il-proposta b'entużjażmu. Ic-Circolo Mużikali Sta. Katarina ma kienux preżenti. Is-Sindku talbet li jsir kuntatt magħhom biex jiġu nfurmati b'dak li ntqal. Saret proposta li jingħata *token* ta' €5 għal platter u tazza nbid. Ser jinxtara Screen u *projector* kif ukoll jitwaħħlu sinjali ta' informazzjoni qrib il-Kunsill kif ukoll joħroġ ktejjeb ta' informazzjoni. Ser tiġi mnedija fit-30 ta' Marzu. | Chircop |
| 04 | 2 | 17 | 01.10.12 | Chircop: *Card Game* | Chircop qal li din lesta u ser tkun tinkludi *QR Code* bl-informazzjoni dwar iż-Żejtun. | Chircop |
| 04 | 2 | 18 | 13.05.02 | Caruana: Parkeġġ fi Triq il-Kbira | Caruana reġa ressaq din il-proposta sabiex jiġi rranġat. Is-Sindku talbet sabiex jittieħdu r-ritratti u naraw x'hemm bżonn isir. | Sindku |

**04 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML02/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | 01.03.01 | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku informat lill-Kunsill li saret laqgħa ma' Ambjent Malta u aħna konna wieħed minn sitt kunsilli magħżula li nistgħu nibbenifikaw sa €30,000 minn fondi tal-*Urban Greening 2019.* Qalet li ser nipproponu postijiet fejn jista' jsir tħawwil ta' siġar. Qalet li l-Ministru Herrera lest jikkonsidra proġetti li jaqbżu t-€30,000 jekk dan jiġi approvat. Ser jiġi kkonsidrat ix-xogħol li jrid isir fi Ġnien il-Kmandant għal dan il-proġett. | Sindku |
| 04 | 3 | 2 | 01.03.03 | Sindku: Karattri tal-Qwiel | Is-Sindku qalet li ser titkellem mal-artist sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa. | Sindku |
| 04 | 3 | 3 | 01.07.01 | Sindku: Proġett taz-Zuntier | Is-Sindku qalet li x-xogħol waqa ftit lura min]abba li materjal bħal xibka u l-madum kienu għadhom ma waslux. | Sindku |
| 04 | 3 | 4 | 01.03.04 | Sindku: Boroż tal-Iskart organiku | Is-Sindku qalet li t-tqassim tal-bins sar. Rigward il-boroż ser jitqassmu iktar tard peress li jirrikjedi ħafna xogħol biex dan isir. | Sindku |
| 04 | 3 | 5 | 01.07.02 | Sindku: Triq il-Gwiedi | Is-Sindku qalet li qed niddiskutu mal-kuntrattur dwar is-servizzi tal-ilma. S'issa ma kienx hemm ftehim meta ser jibda x-xogħol. | Sindku |
| 04 | 3 | 6 | 01.07.04 | Sindku: Toroq | Is-Sindku qalet li x-xogħol fuq Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok huwa pjanat li jitlesta sal-aħħar ta' April. Għaddej ix-xogħol ukoll minn *Infrastructure Malta* fuq Triq Toni Zahra u Triq Taltas u tlestew Sqaq tal-Usif Nru 2 u Strejnu Nru 3. Triq Xrobb l-Għaġin sar patching temporanju sakemm jitkompla x-xogħol. Kienet saret applikazzjoni għal-ħitan tas-sejjiegħ. Il-ħsieb kien li titwessa t-triq pero il-proċess twal u l-permessi laħqu skadew. Is-Sindku proponiet li għandha titħalla kif inhi u jerġgħu jinbnew il-ħitan tas-sejjiegħ. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sindku sabiex tiltaqa' mal-perit biex jiddiskutu x'jista' jsir qabel terġa ssir l-applikazzjoni. Vjal 25 ta' Novembru għalissa mhux ser jibda x-xogħol sabiex ma jingħalqux ħafna toroq f'daqqa. | Sindku |
| 04 | 3 | 7 | | Sindku: Merħba lill-President Dr George Vella | Is-Sindku qalet li ser issir laqgħa mal-għaqdiet it-Tnejn, 18 ta' Marzu fil-5:30pm sabiex jiġi diskuss l-pjan tad-dettalji għal din il-merħba lill-president li hija pjanata għall-Ħadd, 7 ta' April filgħodu. | Sindku |
| 04 | 3 | 8 | 22 | Etienne Schembri: Sqaq San Vitor | Din il-proposta ġiet imressqa sabiex dan is-sqaq jinbidel għal Sqaq Angelo Zahra. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li dan għandu jinbidel. | Hales |
| 04 | 3 | 9 | 43 | PA996/19 | Il-Kunsill qabel li għandu jintbagħat lill-PA sabiex jiġi kkunsudrat li din hija żona residenzjali. | |

**04. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 4. | 1 | | | | |

**04. 5. Items oħra ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 5 | 1 | | Ma kienx baqa ħin sabiex jiġu diskussi dawn. | | |

**04. 6.** ***Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 6 | 1 | | Ma kienx baqa ħin sabiex jiġu diskussi dawn. | | |

**04. 7. Installazjoni Artistika**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 7 | 1 | | *Infrastructure Malta:* Installazjoni artistika | Wara li ġiet evalwata din il-proposta u ntwerew il-pjanti, il-Kunsill qabel nem.con ma' din il-proposta li ser issir minn *Infrastructure Malta.* | |

**04. 8.** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 | 8 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/19 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 4 | 8 | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 04/19 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 4 | 8 | 3 | | *Petty Cash* - Jannar u Frar 2019 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Jannar u Frar hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €152.39 u €73.15 .<br><br>Il-Kunsill iddiskuta l-*invoice* ta’ Callus Garden Centre li ġiet ippreżentata wara li dan għamel xogħol ta’ emerġenza minħabba l-ħsara li kkawżat il-maltempata qalila nhar it-23 ta’ Frar. Il-Kunsill qabel li peress li dan kien xogħol li suppost twettaq mill-Kuntrattur Wilson Mifsud, dan għandu jintalab jagħmel tajjeb għal parti mill-ispiża filwaqt li l-Kunsill għandu b’mod immedjat iħallas tas-servizz li ngħata minn Callus Garden Centre il-Ħadd 24 ta’ Frar kif ukoll għall-ispejjez tal-Krejn li mhumiex inklużi fit-tender eżistenti. | Segretarju Eżekuttiv |

**04 12 Mozzjonijiet u;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 12 | 1 | 02-19/18, 02-19/19 | Camilleri C: Korsijiet *Robotica / Coding* u Akkademiċi | Camilleri qal li l-Kunsill irid iħallas jew €1300 għal kors wieħed jew €2000 għaż-żewġ korsijiet tar-Robotica u Coding. Semma wkoll sabiex jerġa jsiru bħall kull sena l-korsijiet akkademiċi fis-Sajf. Il-Kunsill qabel nem.con li għandhom isiru l-korsijiet kollha. | Camilleri C |
| 04 | 12 | 2 | 02-19/27 | Chircop: Tibdil fl-isem ta' Triq tal-Ħotba | Chircop qal li din it-Triq għandha tissemma Triq in-Nekropoli Puniku. Huwa spjega li kienu nstabu 15 il-qabar u dawn kellhom jiġu priservati. Il-Kunsill qabel nem.com ma' din il-proposta u ser issir it-talba lill-Kumitat tat-tismija tat-toroq. | Hales |

**04 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fl-10:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar It-Tnejn, 1 ta' April 2019 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji

tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| --- | --- |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |